

ECHA/NA/12/56

## L-ECHA tniedi formola web ġdida biex jiġu notifikati l-SVHCs f'artikli

Produtturi u importaturi ta' artikli tal-UE issa jistgħu jissottomettu notifiki għal sustanzi kimiċi f'artikli billi jużaw formola web onlajn disponibbli fuq is-sit elettroniku tal-ECHA.

**Helsinki, 23 ta' Novembru 2012** – L-ġhodda ta' notifika l-ġdida hija faċli u intuwitiva biex tintuża. Biex timla l-formola web, in-notifikaturi jeħtieġ jipprovdu numru tal-kont REACH-IT, li jista' jinkiseb billi wieħed jirreġistra f'REACH-IT.

Taħt ċerti kondizzjonijiet, l-importaturi u l-produtturi ta' artikli għandhom jissottomettu notifiki ta' sustanzi kimiċi f'artikli lill-ECHA sitt xhur wara l-inklużjoni tas-sustanza kimika fil-Lista ta' Kandidati. Għaldaqstant, it-13-il sustanza kimika li żdiedu fil-Lista ta' Kandidati fit-18 ta' Ġunju 2012 għandhom jiġu notifikati lill-ECHA sat-18 ta' Diċembru 2012.

L-informazzjoni dwar ir-rekwiżiti legali u informazzjoni oħra ta' sostenn jinsabu fil-paġna ta' notifika dwar sustanzi kimiċi f'artikli taħt "Sustanzi kimiċi f'artikli fir-Regolamenti/fil-Lista ta' Kandidati". Għal notifikaturi li jippreferu li jħejju n-notifika bl-użu ta' IUCLID, l-għażla għadha possibbli.

### Aktar tagħrif

#### Rekwiżit ta' notifika għal sustanzi kimiċi f'artikli

<http://echa.europa.eu/regulations/reach/candidate-list-substances-in-articles/notification-of-substances-in-articles>

#### Sottomissjonijiet ta' notifika għal sustanzi kimiċi f'artikli

<http://echa.europa.eu/support/dossier-submission-tools/reach-it/notifying-substances-in-articles>

#### Irrigistra f'REACH-IT

<http://echa.europa.eu/support/dossier-submission-tools/reach-it/sign-up>

#### Formola web ta' notifika dwar sustanzi kimiċi f'artikli

<https://reach-forms.echa.europa.eu/sia/sia.php>